# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 220/00mm**

**Dione Cassar**

**vs**

**Satellite Link Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fl-24 ta' Frar 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' Lm460 (erba mija u sittin liri Maltin), jew kull somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rappresentanti rifuzzjoni tal-prezz ta' *satellite dish* u *card* mibjugha mis-socjeta' konvenuta lill-attur liema sistema rrizulta li hu afflitt minn difett latenti li jaghmluh mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih hu mahsub u li jnaqqsu daqshekk il-valur tieghu b'mod illi l-attur ma kienx jixtrih, u anke ghaliex il-kunsens tal-istess attur kien vizzjat bi zball u/jew b'qerq ipprattikat mis-socjeta' konvenuta b'mod li l-istess

attur ma kienx jixtri s-sistema kieku kien jaf il-verita' dwar l-istess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Frar,2000, u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Gunju,1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal rifuzzjoni tas-somma ta' erba mija u sittin lira (Lm460) prezz ta' sistema ta' *satellite* u card mibjugha mis-socjeta' konvenuta lill-attur, liema sistema qed jigi allegat li huwa afflitt minn difett latenti, dana peress illi l-card mijiex wahda ufficjali u rrizulta li hija *pirated* b'mod illi l-attur

jirritjeni li ma kienx jixtri dan l-apparat li kienu kien jaf b'dan id-dettall mill-bidu nett.

Irrizulta mill-provi illi f'Gunju 1999 l-attur avvicina s-socjeta' konvenuta u dana xtara sistema tas-satellita wara li gie muri r-reklam a fol 22 tal-process. Biex din is-sistema tahdem jehtieg illi jkollha card, u s-sistema u l-card inxtraw bil-prezz ta' erba mija u sittin lira (Lm460). Id-dokument tax-xiri dokument DC huwa esibit f'dawn l-atti a fol 23 tal-process u fiha hemm id-deskrizzjoni ta' l-oggetti kollha li l-attur xtara biex hadem din is-sistema. F'din id-deskrizzjoni hemm ukoll *one digital card* bil-prezz ta' mitt lira (Lm100). Is-sistema giet installata u jidher illi bdiet tahdem, pero' jidher illi l-card ma kienetx qed tiffunzjona tajjeb u kien qed jirrikjedi lill-attur illi jmur ta' spiss ghand is-socjeta' konvenuta sabiex dina tigi *upgraded*. Meta darba minnhom is-socjeta' konvenuta ma setghetx tkompli dan is-servizz peress illi l-apparat kien gie konfiskat mill-pulizija, l-attur induna ghall-ewwel darba li l-card hija *pirated* u ghalhekk meta sab ruhu f'din is-sitwazzjoni, huwa ma riedx aktar ikollu x'jaqsam ma' din is-sistema u offriha lura lis-socjeta' konvenuta. Meta dina rrifjutat imbaghad saret din il-kawza. Fil-mori ta' din il-kawza l-attur iddeposita s-sistema taht l-awtorita' tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dawk illi huma fatti ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Huwa minnu illi l-attur xtara dan l-apparat minghand is-socjeta' konvenuta bil-prezz ta' erba mija u sittin lira (Lm 460). Huwa minnu wkoll illi l-card illi giet supplita f'dan

l-apparat ma kienetx wahda genwina izda kienet *pirated*. Hemm kontroversja bejn il-partijiet pero' dwar jekk is-socjeta' konvenuta kienetx qalet b'dan il-fatt lill-attur meta dana xtara dan l-apparat. L-attur ighid illi ma kienx jaf izda s-socjeta' konvenuta tghid illi gharrfitu. L-unika haga li hemm qbil bejn il-partijiet hija li fuq il-card hemm miktub illi dina qieghdha tinbiegh minghajr garanzija. L-attur pero' jghid illi huwa ma kienx qed jifhem illi b'daqshekk il-card ma kienetx genwina. Apparti din il-kontroversja hemm kwistjoni legali illi qamet fit-trattazzjoni tal-kawza u cioe', jekk dan il-bejgh kellhux jitqies bhala "quidunum" jigifieri l-apparat u l-card flimkien bhala bejgh wiehed, jew inkella bhala zewg negozji separati, l-apparat ghalih u l-card ghaliha. Hija s-socjeta' konvenuta li qieghdha tirritjeni din l-ahhar ipotesi u dana l-ghaliex kif irrizulta mill-atti, ma hemm xejn hazin bl-apparat izda biss bil-card u jsostnu li jekk l-attur ikun jista jakkwista card genwina allura ma hemm xejn xi jzomm mill-apparat milli jiffunzjona kif suppost. Minnahha l-ohra pero', r-rappresentant tas-socjeta' konvenuta xehed illi ma jistax ikun illi go Malta ikollok card genwina ghax dawna ma jistghux jinbieghu barra mill-pajjiz ta' l-origini taghhom. Qal ukoll illi ma hawn hadd go Malta illi jbiegh dawn il-cards genwini u l-cards kollha li hawn illi jahdmu b'dawn l-apparat huma kollha *pirated*.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi ghandha temmen il-versjoni moghtija mill-attur meta dana jghid illi ma kienx jaf illi l-card illi huwa xtara kienet wahda *pirated*. Ic-cirkostanzi jaghtu kredibilita' lil versjoni tieghu, dana bil-mod kif

xtara l-apparat u l-card u kif sar jaf l-ewwel darba illi din il-card ma kienetx wahda genwina. L-istess rappresentant tas-socjeta' konvenuta jghid illi meta gie mistoqsi minghand l-attur jekk il-card kienetx falza jew le, dan l-istess rappresentant irrispondieh "mhux ovvju". Din ir-risposta tindika illi d-domanda illi kien qieghed jaghmel l-attur kienet wahda nkwisittiva sabiex jivverifika l-genwinita' o meno tal-card illi kien gie moghti. Dana stabbilit, tibqa' l-kwistjoni jekk dan il-bejgh kienx wiehed jew inkella tnejn.

Skond id-dokument a fol 23 tal-process jidher illi kien hemm aktar minn oggett wiehed mibjugh. Il-card kienet biss wahda minn dawn l-oggetti, pero' ma hemmx dubbju illi l-oggett tal-bejgh huwa wiehed u cioe' s-sistema bl-apparat ghal *satellite reception.* Ta' dan l-attur hallas l-ammont ta' erba mija u sittin lira (Lm460).

L-azzjoni ta' l-attur hija bbazata fuq l-artikolu 1428 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana jippostula sitwazzjoni meta d-difett hu f'wahda miz-zewg hwejjeg jew izjed mibjughin flimkien, fejn allura huwa l-bejgh kollu jista jigi risolut u mhux dik il-parti biss. Dan l-artikolu ghandu l-fondament tieghu fit-taghlim ta' l-awturi Taljani u Francizi fosthom il-Borsari fejn fil-Commentario Del Codice Civile Taliano ighid: "quando piu cose son vendute insieme che l'una non vorrebbe aqquistarsi senza l'altra, come una perilia di ravelli, il vizzio debitorio di uno di codesti oggetti involve l'annullamento della vendita per tutti". Quindi dan it-taghlim huwa car. Meta inti jkollok diversi oggetti mibjughin

flimkien “quidunum”, il-vizzju redebitorju ta’ wiehed minn dawn l-oggetti jannulla l-bejgh kollu kemm hu.

Is-socjeta’ konvenuta qieghdha tghid ukoll illi l-fatt illi din il-card hija *pirated* ma jfissirx illi dina mhiex tajba ghall-uzu li hija ntiza li taghmel, dana l-ghaliex sostnew illi go Malta ma jistax ikun hawn cards genwini. Dan il-fatt huwa bizzejjed biex ikun kwazi ammissjoni ta’ dak illi qieghed ighid l-attur. Bizzejjed jinghad illi din il-card suppost ghandha perjodu funzjonanti ta’ sena, izda mall-ewwel kien jehtieg illi dina tigi ritornata lis-socjeta’ konvenuta sabiex tigi *upgraded*. Li kieku dina kienet genwina dana ma kellux ghalfejn isir u dan l-esercizzju jidher li gie ripetut diversi drabi sakemm l-apparat gie konfiskat mill-pulizija.

L-attur ghamilha cara li huwa xtara din is-sistema sabiex ikun jista jara certu programmi illi jistghu jigu trasmessi biss tramite dan il-card. Li kieku dana ma kienx possibbli allura ma kienx jixtri xejn. Il-fatt illi card genwina kienet tiswa hafna iktar mill-prezz imhallas mill-attur ma taghmilx differenza la l-attur ma kienx jaf illi dik il-card kienetx wahda genwina. Gie mitlub ihallas mitt lira (Lm100) ghal din il-card, u l-attur hallas din ic-cifra. Ma rrizultax mill-provi illi s-socjeta’ konvenuta ghamlitha cara illi dik il-card kienet wahda *pirated* u ma kienetx tiffunzjona tajjeb daqs wahda genwina. Ghalhekk il-Qorti tasal ukoll ghall-konkluzzjoni illi din il-card hija afflitta minn difett latenti li jaghmluha mhux tajjeb ghall-uzu li ghaliha hu mahsub.

Huwa nutili illi s-socjeta’ konvenuta targumenta illi l-apparat illi nghata huwa tajjeb imma l-card biss hija hazina. Dana l-ghaliex

wahda minghajr l-ohra ma jistghux jiffunzjonaw u s-socjeta' konvenuta ma tistax taghti haga minghajr ma taghti wkoll il-mezz li bih dik il-haga tiffunzjona tajjeb. Kif ighid it-taghlim fid-dritt Ruman: "quicunque aliquis quid concedit, concedere videtur et id sine quo res ipsa esse non potuit".

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta trid tiehu lura mhux biss il-card imma s-sistema kollha. Kif ripurtat fil-volum XXX pt ii pg 350 "meta l-vendita hija wahda u l-oggett taghha huwa wiehed, ix-xerrej ma jistax jigi obbligat jiehu parti biss minn dak l-oggett…."

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' erba mija u sittin liri Maltin (Lm460), rappresentanti rifuzzjoni tal-prezz ta' *satellite dish u card* mibjugha mis-socjeta' konvenuta lill-attur liema sistema rrizulta li hu afflitt minn difett latenti u li jaghmluh mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih hu mahsub u li jnaqqsu daqshekk il-valur tieghu b'mod li l-attur ma kienx jixtrih.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg